**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 15 ta' Novembru, 2017

Rikors numru : 61/17 AL

AB

vs

CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

Illi l-partijiet izzewgu fis-27 ta' Dicembru 2007 fir-Registru Pubbliku, l-Belt u dank if jidher mic-certifikat taz-zwieg **Dokument A** hawn anness, u minn dan iz-zwieg kellhom tlett itfal – triplets li llum jaghlqu tmien snin fis-16 ta' Mejju ta' din is-sena.

Illi l-esponenti gia' qabel ma zzewget lill-intimat kellha tifla minn relazzjoni ohra, V li llum ghandha 13 –il sena u li dejjem ghexet mal-

esponenti kemm qabel l-esponenti giet tghix Malta kif ukoll wara li giet tghix hawn u zzewget lill-intimat u ghadha tghix maghha sal-lum.

Illi l-hajja mizzewga bejn il-kontendenti ilha mfarka ghal hafna snin u certament ghal izjed minn erba' snin tant illi l-partijiet ghaddew minn litigazzjoni bejniethom quddiem il-Qorti tal-Familja bir-rizultat illi permezz ta' digriet moghti minn din il-Qorti fl-20 ta' Gunju 2016 **Dokument B** hawn anness, dik il-Qorti kienet ordnat illi l-kura u l-kustodja tat-triplets li twieldu miz-zwieg ta' bejn il-kontendenti tigi fdata ugwalment bejn il-kontendenti, illi l-intimat jallontana ruhhu mid-dar konjugali kif ghamel minn Lulju tas-sena li ghaddiet kif ukoll illi hi tithallas minghand zewgha manteniment ta' €800 fix-xahar ghat-triplets.

Illi l-esponenti kif ukoll bintha V ta' tlettax –il sena kienu f'dawn l-ahhar snin talbu lil u nghataw mill-awtoritajiet Maltin cittadinanza Maltija kif jidher mill-photocopy tal-karti tal-identita taghhom **Dokumenti C u D** hawn annessi.

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejniethom, stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin kif indikat fid-digriet dokument B hawn anness.

Illi ma hemm ebda manteniment dovut mill-partijiet lil xulxin hlief ghas-somma ta' €800 fix-xahar ordnata mill-Qorti tal-Familja skond id-digriet dokument B hawn anness u liema manteniment gie dejjem u puntwalment imhallas mill-employer tal-intimat anke billi hekk gie ordnat mill-Qorti skond l-imsemmi digriet.

Illi in kwantu ghad-dritt ta' access moghti lill-intimat skond id-digriet Dokument B l-esponenti fl-ebda okkazzjoni mid-data tal-istess digriet sal-lum qatt naqset milli tottempora ruhha mal-ordni tal-Qorti pero' l-intimat ftit li xejn jara lil uliedu skond id-digriet tant illi bejn il-21 ta' Settembru 2016 sas-26 ta' Dicembru 2016 baqa' qatt ma mar jara lil uliedu u rega' beda jarahom, pero' flok tlett darbiet fil-gimgha skond id-digriet kull ma mar jarahom bejn is-26 ta' Lulju sal-lum kienu hames darbiet cirka. B'dana kollu l-esponenti ser tibqa' kif dejjem kienet mid-data tad-digriet tonora l-obbligazzjoni taghha dwar l-acces kif ordnat fid-digriet meta u jekk l-intimat jitlob jezercita dak id-dritt.

Illi l-fatt fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksieb tad-divorzju, skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talbet, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex dan il-hall jigi rregistrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimat, li permezz tieghu ikkonferma : (fol 17)

1. Illi l-intimat, jirrileva illi huwa qed jopponi ghat-talba kif kontenuta minn martu, r-rikorrenti, u cioe sabiex din il-Qorti tordna l-hall taz-zwieg celebrat bejniethom nhar is-sebgha u ghoxrin (27) ta' Dicembru tas-sena elfejn u seba (2007), gewwa r-Registru Pubbliku, il-Belt Valletta, u dan peress illi ma jikkonkorrux l-elementi rikjesti fil-ligi, sabiex din it-talba tigi akkolta; senjatament dak stipulat fl-Artikolu 66B(a) tal-Kap 16, tal-Ligijiet ta' Malta, u dan peress mid-data li bdew il-proceduri ta' divorzju, **<u>il-partijiet ma ilhomx jghixu mhux flimkien ghal perjdou ta', jew perjodi li jammontaw ghal mill-inqas erba (4) snin matul il-hames snin minnufih precedenti, u lanqas ghaddew mill-inqas erba (4) snin mid-data tas-separazzjoni legali u dan peress illi fil-fatt il-partijiet mhumiex separati legalment;</u>**
2. Illi inoltre, ir-rikors tar-rikorrenti huwa nieqes mill-formalita rikjesta skont l-Artikolu 66(G) 1 u (2), tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan peress illi minkejja illi l-partijiet ghadhom la huma separati bil-kuntratt u lanqas b'sentenza, u ghalhekk kellha tigi prezentata Nota fejn l-Avukat difensur tal-parti jiddikjara illi huwa ikkonforma ruhu ma dak mitlub skont il-ligi, din ma jidhirx illi saret, sa l-Ewwel Seduta quddiem din il-Qorti;

3. Illi konsegwentement ghalhekk din il-Qorti hija prekluza skont il-ligi, milli tilqa t-talba ta' l-attrici u b'hekk tippronunzja l-hall taz-zwieg taghhom;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti attrici;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-1 ta' Marzu 2017;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament taghhom;

Ikkunsidrat :

Illi l-punt principali f'dan ir-rikors jirrigwarda l-fatt illi filwaqt illi r-rikorrenti xehdet illi l-partijiet ilhom de facto separati ghal aktar minn erba' snin, l-intimat xehed illi ilhom de facto separati ghal mhux aktar minn tlett snin u ghalhekk ir-rekwizit mehtieg mill-Ligi li l-partijiet ikunu de facto, jew legalment separati minn ma xulxin ghal erba' snin jew aktar skont l-intimat ma giex sodisfatt;

Il-Qorti rat illi mhuwiex kontestat illi l-partijiet ma kellhomx relazzjoni normali u dana peress illi l-istess intimat jammetti li kien ikollu x'jaqsam intimament mal-mara tieghu ghal mhux aktar minn xi tmien darbiet fis-sena. Ir-rikorrenti xehdet li f'Settembru 2013, wara li kienet giet lura mir-Russja, hi u ir-ragel kellhom relazzjoni sesswali. Wara dak il-perjodu l-intimat kien jixhed li ghajjien u li ma setghax ikollu relazzjonijiet u kien ghalhekk li hija iddecidiet li tmur torqod fuq is-sufan. Ir-rikorrenti xehdet ghal diversi drabi li wara dakinhar hi u l-intimat ma kellhomx aktar relazzjoni sesswali bejniethom.

Illi l-Qorti tara illi fuq bazi ta' probabbilita ix-xhieda li tat ir-rikorrenti hija aktar kredibbli u dana peress illi hija ftakret bi precizzjoni l-ahhar darba li kellha relazzjonijiet mar-ragel taghha u ipprecizat illi dan gara wara li hija kienet giet lura mir-Russja fejn kienet marret ghal btala ghand il-genituri taghha mat-tfal taghha. B'kuntrast l-intimat ma jistax

jiftakar li per ezempju li l-ahhar darba li kellhom relazzjonijiet kien per ezempju fil-gurnata ta' gheluq sninu, jew ta' gheluq snin ir-rikorrenti, jew ta' gheluq snin tat-tfal, jew fil-Milied.  Huwa beda jishaqq biss fuq il-fatt illi ma kienux ghaddew il-perjodu tal-erba' snin li trid il-Ligi u dan iwassal li l-Qorti tara li huwa aktar probabbli illi l-intimat irid jostakola lir-rikorrenti milli tottjeni id-divorzju u ghalhekk qieghed jishaqq illi ilhom ma jkollhom relazzjonijiet intimati ghal tlett snin, izda mhux ghal erba' snin;

Ghalhekk il-Qorti tiddikjara minghajr ebda tlaqliq illi hija qeghda temmen ix-xhieda tar-rikorrenti u qeghda tiskarta ix-xhieda tal-intimat fuq din il-kwistjoni u ghalhekk tara illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom de facto separati ghal aktar minn erba' snin;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.